Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8577/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0116 (NLE)**

ENFOPOL 206

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' April 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 247 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru Parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS n°218) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 247 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 247 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2018
COM(2018) 247 final

2018/0116 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru Parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS n°218)**

MT

MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tirrigwarda d-deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi oħra ("CETS Nru 218" jew "il-Konvenzjoni").

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Sfond

Fid-29 ta' Mejju 1985, 39 ruħ inqatlu u mijiet sfaw midruba waqt konfrontazzjonijiet vjolenti bejn partitarji tal-futbol fil-Finali tat-Tazza Ewropea fl-istadju ta' Heysel fi Brussell. B'riżultat ta' dan id-diżastru, il-Kunsill tal-Ewropa fassal il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Vjolenza u l-Imġiba Ħażina tal-Ispettaturi f'Avvenimenti Sportivi u b'mod partikolari f'Partiti tal-Futbol (CETS Nru 120) ("Il-Konvenzjoni Nru 120"). Il-Konvenzjoni Nru 120 iffokat fuq il-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u r-rispons għal inċidenti ta' vjolenza u mġiba ħażina fl-istadji jew fil-viċinanzi tagħhom. Il-Konvenzjoni Nru 120 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1985 u ġiet ratifikata minn 41 Parti, inklużi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru 2013, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa kkonkluda, fid-dawl ta' studju dwar il-merti u x-xewqa ta' aġġornament il-Konvenzjoni Nru 120, li din tal-aħħar kienet saret antikwata: il-kontenut tagħha – b'mod partikolari l-enfasi prinċipali fuq miżuri ta' sigurtà – instab li kien inkonsistenti mal-esperjenza u l-prattiki tajba u mhux sinkronizzat mar-rakkomandazzjonijiet aktar riċenti tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni. Il-Kumitat tal-Ministri għalhekk ta struzzjonijiet lill-Kumitat Permanenti biex jirrevedi l-Konvenzjoni Nru 120. Minflok jirrevedih, il-Kumitat Permanenti ddeċieda li jaħdem fuq test ġdid. Din il-ħidma wasslet għal CETS nru 218.

### 2.2. Il-Konvenzjoni

CETS nru 218 għandha l-għan li tipprovdi ambjent ta' sikurezza, sigur u akkoljenti fil-partiti tal-futbol u f'avvenimenti sportivi oħra (l-Artikolu 2). Il-Konvenzjoni tiddistingwi bejn "miżuri ta' sikurezza", "miżuri ta' sigurtà" u "miżuri ta' servizz" (l-Artikolu 3).

Il-Konvenzjoni tirrikjedi li l-Partijiet jadottaw "approċċ integrat, bejn diversi aġenziji u bilanċjat, għas-sikurezza, is-sigurtà u s-servizz" (l-Artikolu 2(a)), jiġifieri, approċċ ibbażat fuq il-kunċett li "l-miżuri ta' sikurezza, sigurtà u servizz fil-partiti tal-futbol u f'avvenimenti sportivi oħra dejjem jikkoinċidu ma' xulxin, f'termini ta' impatt huma interrelatati, jeħtieġ li jkunu bbilanċjati u ma jistgħux jitfasslu jew jiġu implimentati iżolati minn xulxin" (l-Artikolu 3(f)).

Il-Konvenzjoni tirrikjedi li l-Partijiet jiżguraw arranġamenti ta' koordinazzjoni nazzjonali u lokali għall-iskop tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ta' approċċ integrat bejn diversi aġenziji għas-sikurezza, is-sigurtà u s-servizz (l-Artikolu 4). Il-partijiet huma meħtieġa li jieħdu diversi miżuri bil-għan li tiġi żgurata s-sikurezza, is-sigurtà u s-servizz fl-istadji sportivi (l-Artikolu 5); pereżempju, huma għandhom jiżguraw li l-arranġamenti operattivi tal-istadji jkunu jipprovdu għal kollegament effikaċi mal-pulizija u mas-servizzi ta' emerġenza u ma' aġenziji sħab oħra, kif ukoll jinkorporaw il-politiki u l-proċeduri dwar kwistjonijiet bħal ta' mġiba razzista jew diskriminatorja (l-Artikolu 5(5)). Il-Partijiet huma barra minn hekk meħtieġa li jinkoraġġixxu lill-aġenziji rilevanti kollha u lill-partijiet ikkonċernati biex jaħdmu

flimkien sabiex jinħoloq ambjent sikur, sigur u akkoljenti f'postijiet pubbliċi barra mill-istadji (Artikolu 6). Il-partijiet iridu jiżguraw li l-aġenziji rilevanti jiżviluppaw pjanijiet ta' kontinġenza u ta' emerġenza (l-Artikolu 7) u dawn għandhom iħeġġu lill-aġenziji kollha biex jinvolvu ruħhom b'mod proattiv mal-partitarji u mal-komunitajiet lokali (l-Artikolu 8).

Fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubbliku mill-pulizija, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Partijiet biex jiżguraw li "jiġu żviluppati strateġiji taż-żamma tal-ordni li jiġu wkoll evalwati u mirqumin b'mod regolari", li jqisu l-prattiki tajba u li jkunu konsistenti mal-approċċ integrat għas-sikurezza, is-sigurtà u s-servizz; il-Partijiet iridu wkoll jiżguraw li l-pulizija taħdem fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Fir-rigward tal-prevenzjoni u s-sanzjonar, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Partijiet li "jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti ta' vjolenza u diżordni u biex jiġi żgurat, f'konformità mal-liġi nazzjonali u internazzjonali, li jkun hemm fis-seħħ "arranġamenti effettivi ta' esklużjoni, xierqa għall-karattru u l-post tar-riskju" biex jiskoraġġixxu u jipprevjenu inċidenti bħal dawn. Il-Partijiet huma obbligati wkoll li 'jikkooperaw bil-għan li jiżguraw li l-individwi li jikkommettu reati barra mill-pajjiż jirċievu sanzjonijiet xierqa" (l-Artikolu 10(3)) u li "jikkunsidraw li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi responsabbli biex jimponu s-sanzjonijiet fuq individwi li jkunu kkaġunaw jew ikkontribwew għal inċidenti ta' vjolenza relatata mal-futbol u/jew għal diżordni, mal-possibilità li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal avvenimenti tal-futbol li jsir f'pajjiż ieħor" (l-Artikolu 10(4)).

L-Artikolu 11 ta' din il-Konvenzjoni huwa intitolat "kooperazzjoni internazzjonali". Huwa jobbliga lill-Partijiet biex jistabbilixxu Punt Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Futbol (National Football Information Point – NFIP) biex jaġixxi bħala l-mezz uniku awtorizzat għall-iskambju ta' l-informazzjoni u l-intelligence kollha dwar partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali u għall-arranġament ta' kwistjonijiet oħrajn ta' kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija (l-Artikoli 11(2) sa (4)). It-test tal-Artikoli 11(2) sa (4) huwa ispirat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, u juża wkoll l-istess terminoloġija tad-Deċiżjoni.

Il-klawsoli finali ta' din il-Konvenzjoni jittrattaw l-iffirmar (l-Artikolu 16), id-dħul fis-seħħ (l-Artikolu 17), l-adeżjoni minn Stati mhux membri tal-Kunsill tal-Ewropa (l-Artikolu 18), l-effetti tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni Nru 120 (l-Artikolu 19), l-applikazzjoni territorjali (l-Artikolu 20), id-denunzja (l-Artikolu 21), u n-notifiki (l-Artikolu 22). Dawn il-klawsoli huma "essenzjalment ibbażati" fuq il-Mudell ta' Klawsoli Finali għall-Konvenzjonijiet u l-Ftehimiet konklużi fil-Kunsill tal-Ewropa ta' Frar 1980 u dwar il-klawsoli finali tal-Konvenzjoni Nru 120.

## 2.3. Il-liġi u l-politika eżistenti tal-Unjoni fil-qasam

L-Unjoni adottat għadd ta' miżuri dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija. Rigward, b'mod speċifiku, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija dwar is-suġġett tas-sigurtà u s-sikurezza fil-partiti tal-futbol, l-Unjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali[1]. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI kienet ibbażata fuq l-Artikolu 30(1)(a) tat-Trattat dwar l-Unjoni

[1] ĠU L 121, 8.5.2002.

Ewropea, issa l-Artikolu 87(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll fuq l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), imħassar.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tirrikjedi li kull Stat Membru "jistabbilixxi jew jinnomina punt nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-futbol ta' natura polizjeska" (National Football Information Point - NFIP), li "għandu jaġixxi bħala punt dirett, ċentrali ta' kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni relevanti u għall-iffaċilitar ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija b'konnessjoni mal-logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali" (l-Artikolu 1). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tispeċifika l-kompiti tal-NFIPs (l-Artikolu 2), l-informazzjoni tal-pulizija li għandha tiġi skambjata bejniethom (l-Artikolu 3) u proċedura għall-komunikazzjoni bejn l-NFIPs (l-Artikolu 4). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/412/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI dwar is-sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali[2] żiedet id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet regolari tad-diżordni marbut mal-futbol fil-livell nazzjonali (l-Artikolu 2(6)) u l-forom ta' skambju ta' informazzjoni (l-Artikolu 3(4)).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI hija msemmija fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-Istati Membri ta' projbizzjonijiet għall-aċċess għal postijiet tal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali [3] (traduzzjoni mhux uffiċjali) u fil-Manwal tal-UE dwar il-Futbol[4] Il-Manwal, li ġie adottat għall-ewwel darba f'Ġunju 1999 u li ġie aġġornat l-aħħar f'Novembru 2016, jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, inkluża gwida dwar l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija u dwar ir-rwol u l-kompiti tal-NFIPs.

## 2.4. Raġunijiet għall-proposta

Filwaqt li l-Konvenzjoni tinkludi dispożizzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija (87 tat-TFUE), din il-proposta taqbel ukoll b'mod aktar ġenerali mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' sport (l-Artikolu 165 tat-TFUE). Skont l-Artikolu 165(3) tat-TFUE l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-edukazzjoni u l-isport, partikolarment il-Kunsill tal-Ewropa. Miżuri ta' inċentiva tal-UE, inkluż l-appoġġ għal proġetti fil-kapitolu tal-isport tal-programm Erasmus+, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tas-sapporters u s-sanzjonijiet sportivi mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi tal-atti ta' vjolenza u diskriminazzjoni li jseħħu fil-periferija tal-kompetizzjonijiet sportivi. Sa fejn din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ssupplimentaw dawn l-inizjattivi b'attivitajiet preventivi u miżuri ta' koerċizzjoni mmirati. Dan huwa kompitu kumpless minħabba n-natura internazzjonali ta' ċerti logħbiet u d-differenzi li jeżistu bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti u l-prattiki relatati maż-żamma tal-ordni, is-sikurezza u s-sigurtà fl-Istati Membri differenti tal-UE. Hemm bżonn ta' aktar kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fil-qlieda kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni ta' kull tip. L-azzjonijiet tal-infurzar tal-liġi jridu jiġu kkoordinati aħjar u l-UE tista' tiffaċilita dan il-proċess, b'mod partikolari billi tappoġġa l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa.

---

2 ĠU L 155, 15.6.2007, p. 76.

3 ĠU C 281, 22.11.2003, p. 1.

4 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed; ĠU C 022, 24.01.2002, p. 1.

L-UE nnifisha ma tistax issir firmatarja tal-Konvenzjoni. Dan huwa minħabba li l-Konvenzjoni tirreferi biss għall-"Membri" jew "Stati Partijiet" u ma tinkludi ebda formulazzjoni li tippermetti lill-UE jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali oħra biex isiru firmatarji tagħha.

Madankollu, l-UE adottat miżuri kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi rigward il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija li japplikaw għas-suġġett tas-sikurezza u s-sigurtà fil-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, kif ukoll rakkomandazzjonijiet dettaljati u, aġġornata reċentement dwar kif għandhom jiġu applikati dawn il-miżuri.

Barra minn hekk, l-impenji meħuda fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, fir-rigward ta' punti nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-futbol (NFIPs), x'aktarx ikollhom impatt fuq ir-regoli komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE. Dan huwa għaliex l-obbligu li jiġu stabbiliti jew nominati l-NFIPs diġà tinsab fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI, li tispeċifika l-kompiti tal-NFIPs u tistabbilixxi regoli għall-kooperazzjoni bejniethom, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija. L-impenji li jinsabu fl-Artikoli 11(2) sa 11(4) tal-Konvenzjoni Nru 218 jikkoinċidu kważi kompletament mal-obbligi li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI. Tabilħaqq, skont ir-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Konvenzjoni Nru 218, "l-NFIPs inħolqu taħt il-Liġi tal-Unjoni Ewropea" u t-test tal-Artikoli 11(2) sa (4) ġie ispirat u juża t-terminoloġija tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI.

Dawn iċ-ċirkustanzi jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Istati Membri jaġixxu fil-qafas tal-istituzzjonijiet tal-UE meta jkunu qed iwettqu impenji internazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u s-sigurtà fil-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali.

Għalkemm l-Artikoli 11(2) sa (4) tal-Konvenzjoni kienu bbażati fuq id-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI, preċiżament sabiex jiġi evitat kunflitt mad-dritt tal-Unjoni, jibqa' l-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tipprevedi sistema ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà fil-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali permezz ta' network ta' awtoritajiet stabbilit għal dak l-iskop speċifiku. L-UE biss hija f'pożizzjoni li tassumi l-obbligu vis-à-vis pajjiżi terzi biex tkompli tapplika dik is-sistema fl-UE u li testendi l-applikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kkonċernati.

Minħabba li l-UE nnifisha ma tistax issir Parti għas-CETS Nru 218, u peress li l-Istati Membri jistgħu jkunu Parti għall-Konvenzjoni biss jekk jingħataw is-setgħa mill-UE (l-Artikolu 2(1) tat-TFUE) huwa xieraq li tiġi adottata deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni fl-interess tal-UE.

## 3. BAŻI ĠURIDIKA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(8) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 87(1) tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi ġuridika ewlenija għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kooperazzjoni bejn il-pulizija.

2018/0116 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru Parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS n°218)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(8), flimkien mal-Artikolu 87(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[5],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa ("il-Konvenzjoni") ilha miftuħa għall-iffirmar u r-ratifika mit-3 ta' Lulju 2016.

(2) Il-Konvenzjoni għandha l-għan li tipprovdi ambjent sikur, sigur u akkoljenti fil-partiti tal-futbol u f'avvenimenti sportivi oħra.

(3) L-Artikoli 11(2) sa 11(4) tal-Konvenzjoni, fir-rigward tal-Punti Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Futbol, jista' jkollhom impatt fuq ir-regoli komuni jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jikkoinċidu mal-obbligi li jinsabu fid-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI tal-Kunsill[6] rigward is-sigurtà b'konnessjoni mal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali.

(4) L-appoġġ tal-Unjoni għall-Konvenzjoni huwa importanti għall-ġlieda kontra l-vjolenza relatata ma' avvenimenti sportivi u se tikkumplimenta l-isforzi li diġà saru f'dan il-qasam permezz ta' appoġġ għal proġetti taħt il-kapitolu tal-isport tal-programm Erasmus+.

(5) L-Unjoni ma tistax issir Parti għall-Konvenzjoni, minħabba li Stati biss jistgħu jkunu Partijiet għaliha.

(6) Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, fir-rigward ta' dawk il-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

(7) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

---

[5] ĠU C , , p. .

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b' dimensjoni internazzjonali (ĠU L 121, 8.5.2002, p. 1).

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jsiru parti għall-Konvenzjoni dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi oħra (CETS Nru 218) fir-rigward ta' dawk il-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*